MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 630/2013

**Citadel Insurance plc**
**(C 21550)**

**Vs**

**Godfrey Falzon**
**ID 55775(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Ottubru, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi fit-2 ta' Awissu, 2013, l-initmat ta r'rizenja tieghu mill-impjieg mas-socjeta' attrici u ghazel li ma jahdimx in-notice period ai termini ta' l-artikolu 36(1) tal-Kap 452 - u ghalhekk gie obbligat ihallas nofs l-introjtu li kien jircievi kieku hadem in-notice period, ammontanti ghal elf seba' mija disgha u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,749.76);

Illi ghalhekk interpellat anke permezz ta' protest gudizzjarju tat-28 ta' Awissu, 2013 baqa' inadempjanti;

Ghaldaqstant, dan l-Onorabbli Tribunal qed jintalab jordna lill-initmat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija disgha u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,749.76) ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez inkluz tal-protest gudizzjarju tat-28 ta' Awissu 2013, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax mit-2 ta' Awissu, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvneut debitament notifikat ipprezenta risposta tieghu fl-1 ta' Novembru, 2013 fejn eccepixxa illi l-ammont ta' elf seba' mija disgha u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,749.76) pretiz mis-socjeta' attrici huwa kkontestat billi minnu jrid jitnaqqas l-ammon ta' tmien mija u erbgha u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€874.17) dovut lill-initmat mis-socjeta' attiric ghal vacation leave u commissions, kif kien diga ingib a konjizzjoni tas-socjeta' attrici inkluz permezz tal-kontroprotest 414/13. Dan l-ammont ta' tmien mija u erbgha u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€874.17) qed jintalab permezz tal-kontro-talba annessa u ghandu jitnaqqas mill-ammont ta' elf seba' mija disgha u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,749.76) pretiz mis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici ghandha tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta' din il-kawza billi l-initmat qatt ma kkontesta li huwa debitur ghas-somma reklamata mis-socjeta' attrici permezz ta' dina l-kawza bhala notice period, izda kien qed jitlob biss li jsir l-aggustament premess fl-ammont dovut. Madanakollu, is-socjeta' attrici qabbdet u fethet dina l-kawza u pprezentat ukoll mandat ta' sekwestru sempliciment bhala ritaljazzjoni u tpattija talli l-initmat temm l-impjieg tieghu kif kellu kull dritt li jaghmel.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici inkluz dawk tal-kontro protest numru 414/13.

Filwaqt ipprezenta kontro talba fejn talab is-socjeta' Citadel Insurance plc ghandha tigi kkundannata thallas lill-initmat is-somma ta' tmien mija u erbgha u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€874.17) dovut lilu mis-socjeta' attrici ghal vacation leave u commissions in konnessjoni ma' l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici, liema ammont is-socjeta' attrici baqghet ma hallsitx.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici inkluzi dawk tal-kontro protest numru 414/13.

Is-socjeta' attrici permezz ta' risposta pprezentata fit-18 ta' Novembru, 2013 eccepiet illi t-talba tarl-intimat rikonvenzjonant hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Illi l-ammont reklamat mill-intimat

rikonvenzjonant in kwantu commissions u vacation leave in konnessjoni mal-impjieg tieghu mas-socjeta' rikonvenzjonata ma hux dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat rikonvenzjonant..

Xehed Noel Schembri fil-kapacita tieghu ta' Human Resources Manager mas-socjeta' attrici fejn spjega illi l-konvenut kien impjegat tas-socjeta' attrici u tterminha l-impjieg tieghu b'mod hazrem. Is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tan-notice period peress illi dan ma nhadimx. Dan l-ammont mhux kontestat mill-konvenut izda hu jitlob illi mill-ammont mitlub jitnaqqas l-ammont ta' tmien mija u erbgha u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€874.17). Skond il-kalkoli tieghu ix-xhud jghid illi l-konvenut ma ghandu jiehu xejn peress illi dak li kellu jiehu hadhom.

Xehed ukoll illi huwa veru li fil-payslips tal-konvenut hemm imnizzel eighty (80) hours leave brought foward izda jsostni li dan ma jghodx u kien zball.

Xehed Geodfrey Falzon li spjega kif hadem u wasal ghall-ammont ta' tmien mija u erbgha u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€874.17) u jidher mix-xhieda tieghu illi l-prezz qieghed fil-leave li hu ssostni li ghandu jithallas tieghu peress illi jidher fuq il-payslipd bhala brought forward.

Xehdet Susan Micallef li kkonfermat bil-gurament taghha li wara li kienet impjegata mas-socjeta' attrici u telqet minn tali impjieg, hi thallset tal-leave.

Xehdet Dr Sharon Fenech li spjegat illi hija l-legal advisor tas-socjeta li mar jahdem maghha l-konvenut u kienet hi li ghenitu fit-tmiem tal-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici.

Xehed ukoll il-persuna nkarigat mit-teknologija tas-socjeta' attrici li spjega illi llum il-gurnata l-kwistjoni tal-kompjuter trangat u l-leave m'ghadux jidher bhala brought forward.

Wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati t-Tribunal huwa tal-fehma illi minkejja li hareg ben car illi l-leave brought forward huw preroattiva tal-kumpanija izda la darba ripetitament kien imnizzel fil-payslip allura kien qed jigi rikonoxxut illi mil-kumpanija li l-leave gi brought forward. Ghal din ir-raguni t-Tribunal jilqa' l-kontro talba liltinkludi ukoll hlasijiet ohra li t-Tribunal jemmen lil-konvenut illi kienu dovuti. Il-verzjoni tal-konvenut kienet kredibbli aktar minn dik li pprezentat is-socjeta' attrici.

Fl-istess waqt jidher illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici mhux kontestat ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba attrici, jilqa' ukoll il-kontro talba u ghalhekk tnaqqas l-ammont ta' tmien mija u erbgha u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€874.17) mill-ammont mitlub fit-talba u cioe ta' elf

seba' mija disgha u erbghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,749.76) biex b'hekk tikkundana lill-konvenut ihallas il-bilanc ta' tmien mija hamsa u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€875.59) lis-socjeta' attrici. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------